# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 274/97

Paul Busuttil

vs

Id-Direttur tal-Muzewijiet u l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li gie kjamat fir-rikors b' Digriet tal-31 ta' Mejju 1999

Illum 4 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991 ir-rikorrent sofra ngustizzja billi ma giex ikkunsidrat ghall-post ta' "Restorer of Paintings" mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, minkejja l-esperjenza vasta tieghu, liema ingustizzja fil-konfront tieghu sehhet minhabba motivazzjonijiet diskriminatorji premeditati minn ufficjali

gholja tad-Dipartiment tal-Muzewijiet u jew ufficjali ohra tal-Gvern liema diskriminazzjoni lahqet il-qofol taghha fi hrug ta' call for applications formulata b'mod li r-rikorrent ikun skwalifikat minhabba l-eta` u dana minkejja li d-direttur tal-Muzewijiet f'dawk iz-zmienijet kien jaf ben tajjeb li r-rikorrent kellu esperjenza vasta u abilita` kbira ghall-post ta' restawratur.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi fl-1977 ir-rikorrent kien dahal impjegat mal-Gvern bhala 'junior draughtsman' u fl-1981 kien sar mudellatur u fil-1987 huwa kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Muzewijiet. Sussegwentement huwa kien gie mahtur bhala kopista wara li dan ghamel xoghol ta' kopja ta' pittura originali tal-Mattia Preti li kienet tinsab fil-Knista ta' San Gwann t' Ghuxa f' Bormla. Huwa ghamel diversi xogholijiet ta' restawr fosthom fir-residenza ufficjali tal-Prim Ministru fil-Girgenti, fil-Palazz tal-President il-Belt Valletta, fil-Berga ta' Kastilja u fi bnadi ohra madwar Malta, liema xogholijiet ta' restawr ir-rikorrent wettaqhom fuq bazi volontarja wara li kien gie mitlub jaghmel dan mid-Direttur tal-Muzewijiet liema xogholijiet huwa wettaq b'success u bl-akbar korrettezza fis-sengha.

Illi fl-1991 ir-rikorrent kien mitlub mid-Direttur tal-Muzewijiet dak iz-zmien Fr. Marius Zerafa sabiex imur jahdem fit-taqsima tal-immuddellar tal-istatwi li kienu jinbieghu mill-muzew lit-turisti, izda r-rikorrent irrifjuta peress li kien jaf li kienu qeghdin isiru hafna abbuzi f'din is-sezzjoni. Id-Direttur Fr. Marius Zerafa kien jaf x'

abbuzi kien hemm u kien anke sahansitra nfurmat dwar dawn l-abbuzi mir-rikorrent innifsu. Dawn l-abbuzi kienu qeghdin isiru minn persuna li kulhadd kien jaf u jemmen li huwa jgawdi protezzjoni straordinarja mill-partit fil-Gvern dak iz-zmien. L-abbuzi kienu jikkonsistu f'serq u misapproprazzjoni ta' flus tad-Dipartiment tal-Muzewijiet. Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent wara li nforma lid-Direttur tieghu rrifjuta li jmur jahdem f'din is-sezzjoni ghaliex beza li setgha xi darba jigi implikat fl-abbuzi li kienu qeghdin isiru u dan in vista li lanqas id-direttur ma gharaf jikkontrolla l-persuna koncernata.

Illi wara dan il-kaz u cioe` fl-istess sena kienet harget 'call for applications' ghall-post ta' restawratur liema sejha kienet saret b'mod li tiddiskrimina kontra r-rikorrent meta wahda mill-kundizzjonijiet kienet li l-applikant kellu jkollu mhux aktar minn erbghin sena. Id-Direttur tal-Muzewijiet kien konxju li ghalkemm ir-rikorrent kien wahda mill-aktar persuni kompetenti f'dan ix-xoghol, izda minhabba li huwa kellu aktar minn 40 sena setgha jigi skwalifikat immedjatament milli japplika ghal dan il-post.

Illi r-rikorrent minkejja l-kundizzjoni tal-eta` xorta kien applika ghall-post ta' restawratur, izda l-applikazzjoni tieghu kienet giet michuda minhabba din l-kundizzjoni tal-eta`, u dana minkejja li uhud li applikaw u li nghazlu la kellhom esperjenza u ma kienux kompetenti bhala restawraturi tant li wara li ntghazlu kellhom jinghataw tahrig barra minn Malta. Fost dawn il-persuni maghzula kien hemm persuna li sfortunatament u bl-akbar rispett lejha kienet u ghadha sal-lum tbati

bi break down u minhabba l-kundizzjoni mentali taghha lanqs biss attendiet ghat-tahrig li nghataw shabha barra minn Malta.

Illi jrid jinghad li r-rikorrent ma nghatax il-fakulta` li japplika bhal haddiehor b'cans gust li jkun ikkunsidrat ghall-post ta' restawratur minhabba l-incident fejn huwa rrifjuta li jmur jahdem fis-sezzjoni ta' l-immudellar tal-istatwi u dana ghaliex beza li xi darba seta jigi implikat fl-abbuzi li kienu jsiru fid-dawl tal-indifferenza li kien juri d-direttur tal-muzewijiet fuq l-allegazzjonijiet li kienu jsiru partikolarment vis-à-vis l-persuna li fil-konfront taghha kienu jsiru l-allegazzjonijiet. Sahansitra r-rikorrent kien anke nforma lill-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien Dottor Ugo Mifsud Bonnici llum President ta' Malta dwar l-abbuzi in kwistjoni u per konsegwenza d-direttur Fr. Marius Zerafa ngibditlu l-attenzjoni dwar dawn l-allegazzjonijiet mill-Ministru nnifsu tant huwa hekk li darba minnhom id-direttur avvicina lir-rikorrent u qallu "mhux billi mort tghid lill-ministru – ghaliex lili mhux ser tbezzani b'daqshekk".

Illi qabel dan l-incident id-Direttur tal-Muzewijiet kien jaf ben tajjeb li ir-rikorrent kellu xewqa li jsir restawratur u dan kemm minhabba li r-rikorrent dejjem wera l-interess partikolari f'din is-sengha tant li dejjem accetta wkoll li jaghmel xoghol volontarju ta' restawratur wara li huwa kien ikun mitlub mill-awtoritajiet sabiex jirrestawra opri prominenti fil-pajjiz kif fuq inghad u kif ser jigi pruvat aktar il-quddiem fil-mora tal-kawza u minhabba ukoll li r-rikorrent kien esprima x-xewqat tieghu personalment mad-direttur Zerafa kemm verbalment kif ukoll bil-miktub tant li f'okkazzjoni minnhom kien id-

direttur innifsu li ta ktieb bl-isem "The History of Art' lir-rikorrent sabiex jistudja fuqu.

Illi oltre dan kollu u minkejja li l-applikazzjoni tieghu sabiex jsir restawratur, ir-rikorrent xorta baqa' jigi mitlub sabiex jivolontarja ghall-xoghol ta' restawr ta' certu reqqa kif kien ser jigi pruvat fil-mora tal-kawza quddiem dana t-Tribunal.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda indikati fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li huwa kien bi hsiebu jgib prova bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghata rimedju xieraq konsistenti fi hlas ta' kumpens f'ammont li jiddeciedi dan it-Tribunal jew/u fl-ghoti tal-grad ta' restawratur hekk kif kien haqqu li jinghata skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu sofra ingustizzja minhabba motivazzjonijiet premeditati fir-rigward ta' sejha ghall-

applikazzjonijiet ghall-post ta' "Restorer of Paintings" hija infondata ghar-ragunijiet sussegwenti:

Illi sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' postijiet simili li kienu gew pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Mejju 1989, tas-6 ta' Settembru 1983, tal-14 ta' Novembru 1978 u tal-10 ta' Gunju 1977 ukoll kienu imponew eta` ta' anqas minn 40 sena bhala rekwizit necessarju ghall-validita` tal-applikazzjoni. Ghaldaqstant jidher car li dan ir-rekwizit huwa parti minn procedura normali segwita mid-Dipartiment tal-Muzewijiet f'sejhiet ghall-applikazzjonijiet simili.

Illi inoltre ghall-post in kwistjoni gew respinti applikazzjonijiet ta' persuni ohra fuq l-istess bazi ta' eta`.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma rrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent is-Sur Paul Busuttil qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-

klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-promozzjoni ghal Restawratur tal-Pittura. Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi, minghajr pregudizzju jinghad li kienet dehret sejha ghall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Jannar 1991 ghall-mili tal-postijiet ta' Restawratur tal-Pittura fid-Dipartiment tal-Muzewijiet. Ir-rikorrent kien wiehed minn fost 8 persuni li applikaw. Hu nstab li mhux eligibbli li japplika minhabba klawsola 5(iv) li tghid li l-applikanti ghandhom ikunu ghalqu l-25 sena izda mhux l-erbghin sena fid-data ta' l-eghluq ta' meta jintlaqghu l-applikazzjonijiet.

4. Illi rrizulta lill-Kummissjoni li l-Kummissjoni ta' dak iz-zmien (1991) approvat li tohrog din is-sejha ghall-applikazzjonijiet fuq talba tad-Dipartiment tal-Muzewijiet u wara li din kienet verifikata mill-Ufficcju tal-Prim Ministru.

5. Illi rrizulta wkoll lill-Kummissjoni li klawsola numru 5 (iv) tas-sejha ghall-applikazzjonijiet tad-29 ta' Jannar 1991 kienet ilha tigi inkluza fis-sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Restawratur tal-Pittura fid-Dipartiment tal-Muzewijiet certament sa mill-1977 kif jidher mill-kopji tas-sejhiet ghall-applikazzjonijiet annessi, bid-dati ta' l-10 ta' Gunju 1977, 14 ta' Novembru 1978, 6 ta' Settembru 1983, u 2 ta' Mejju 1989.

6. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kumissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti kollha msemmija fir-rikors. Kompla jghid li ghalaq is-sittin sena fis-7 ta' Marzu 2000 u li ghalhekk kien qabez il-hamsin sena meta applika.

Xehed Anthony Pace Direttur tal-Muzewijiet li semma li r-rikorrent qatt ma ntbaghat jaghmel xoghol ta' restawr. Semma li kien hemm restawratur li kellu kwalifika universitarja - George Farrugia li kellu diploma in 'Restoration for Painting'. Ma setax jaghti raguni ghaliex wiehed ma setax ikun restawratur ta' 41 sena.

Maurice Cordina Senior Restaurer fid-Dipartiment tal-Muzewijiet semma li jiftakar li xi zmien meta d-Direttur tal-Muzewijiet kien Fr Zerafa gieli baghat lis-Sur Busuttil jaghmel xoghol ta' restawr u dan f'xi dipartiment jew f'postijiet tal-Gvern fosthom il-Birgu, l-Palazz ta' l-Inkwizitur kif ukoll l-Arkeologija u l-Fine Arts jaghmel xi restawr fuq xi kwadri kif ukoll il-Knisja tas-Sagramentini u l-Palazz.

Giet esebita ittra ta' Dominic Cutajar Curator National Museum of Fine Arts li tindika l-kwalitajiet pozittivi tar-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq il-fatt li meta hargu l-applikazzjonijiet ghal restawratur fl-1991 giet inserita l-klawsola 5(iv) li tistipula li persuna ma tridx ikollha aktar min erbghin sena fid-data tal-gheluq ta' meta jintlaqghu l-applikazzjonijiet. Illi lit-Tribunal irrizultalu li r-rikorrent kien persuna kapaci fix-xoghol tieghu u li ghamel diversi xogholijiet ta' restawratur. Irrizultalu wkoll li din il-procedura li tillimita li persuni li applikaw ghal dan il-post li jkunu ta' eta` ta' bejn il-25 u l-40 sena kienet pocedura li ilha tezisti u bl-ebda mod ma kienet l-ewwel darba li ntuzat fil-konfront tar-rikorrent. Infatti jirrizulta li l-istess procedura ntuzat ghas-sejhiet tal-applikazzjonijiet tal-10 ta' Gunju 1977, 14 ta' Novembru 1978, 6 ta' Settembru 1983 u 2 ta' Mejju 1989 li kopji taghhom gew esebiti. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent illi hu bata l-konsegwenzi li ma kienx segwa direttivi tal-kuratur precedenti u ghalhekk l-applikazzjoni harget b' dan il-mod ma rrizultawx fondati.

Huwa veru li dan it-Tribunal ghandu certu riservi mentali dwar in-necessita` o meno li persuna biex tilhaq restawratur m' ghandux ikollha aktar minn 40 sena izda din b' ebda mod ma tista' titqies li tammonta ghal xi ingustizzja kif definita fit-termini tal-Kapitolu 394. Ukoll jigi rilevat li hawn ma kienx il-kaz fejn ir-rikorrent kien kemm kemm skorra l-40 sena ghax irrizulta mix-xhieda tieghu stess li hu kien qabez il-50 sena u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur

tad-Dipartiment tal-Muzewijiet u mhux il-kaz li t-Tribunal jidhol biex jezamina l-eccezzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li wkoll uhud minnhom huma fuq l-istess mertu.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.